**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 350/2023**

**Il-Pulizja**

**Vs**

**Nicole Xuereb**

**Illum, 5 ta' Settembru 2024**

Il-Qorti,

Rat li l-appellanti, **Nicole Xuereb** detentriċ tal-karta tal-identita Maltija **383787M,** giet imressqa l-Qorti u akkuzata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta 'Ġudikatura Kriminali talli:

B'diversi atti, ukoll jekk magħmulin fi zminijiet differenti li jkunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, u jkunu ġew magħmula b'rizoluzzjoni waħda, dawn l-atti jitqiesu bħala reat wieħed, imsejjah reat kontinwat:

1. Fil-kwalita' tagħha ta' sid u/jew uffiċjal u/jew manager u/jew direttur u/jew rapprezentat legali ta' kumpanija u/jew negozju bl-isem **ta' Main Store Foods LTD (C-93592)** ta' 24/26 Main store. Tal-Handaq Industrial Estate Qormi u/jew bhala persuna li kienet inkarigata sabiex thallas il-pagi dovuti.

2. Naqset li thallas lil impjegat taghha **Johann Chetcuti (K.I: 0064884M)** il-paga għall-perjodu ta' bejn l-1 ta' Jannar 2021 u id-9 ta' Awwissu 2021 ammontati għal- €5,377.00 biex b'hekk is-somma globali dovuta hija dik ta' **ħamest elef tliet mija seba' u sebgħin ewro (€5,377.00)**

Il-Qorti kienet ġentilment mitluba bir-rispett ordnat lill-appellanti , ai termini tal-Artikolu 18 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u cioe meta b'diversi atti magħmulin mill-ħati, ukoll jekk fi zminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, u jkunu gew magħmula b'rizoluzzjoni wahda, dawn l-atti jitqiesu bhala reat wiehed, imsejjah reat kontinwat: sabiex thallas l-penali skont il-liġi ta' mhux inqas minn mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgħa u disghin ċenetzmu (€232.94) u mhux izjed minn elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċentezmu (€2329.37), kif ukoll, ai termini tal-Artikolu 45 (2) tal-Kap.452 u cioe illi naqset li tħallas pagi, għamlet tnaqqis illegali, naqset li thallas xi bonus, zemmew xi rimunerezzjoni jew xi pagament li għandha thallas minflok in-notice, naqset li tagħti vaganzi bi ħlas, naqset li tagħmel xi pagament dovut lill-impjegat skont il-Kap 452 tal-Liġijiet ta' Malta jew skond xi ordni ta' standard nazzjonali, ordni biex jirregola settur jew xi ordni iehor magħmul taht il-Kap 452 tal-Liġijiet ta' Malta; ai termini tar-Regolamenti 22 tal-Avviz Legali 247 tal-2003 kif emendat bl-Avvizi Legali 427 tal-2007 u 259 tal-2012 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex tihallsu l-penali ta' mhux inqas minn erba' mija u ħamsau sittin Euro u sebgħa u tmenin ċentezmu (€465.87), ordnat lill-appellant sabiex thallas lill-**Johan Chetcuti (KI: 0064884M)** is-somma komplessiva ta' **ħamest elef tlett mija seba' u sebgħin Ewro ( €5,377.00)** għar-raġunijiet hawn fuq speċifikati.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar is-6 ta' Ottubru 2023 fejn sabet lill-imputata qua appellanta hatja skont l-imputazzjonijiet kif dedotta kontra tagħha u kkundannatha, għall-penali/multa ta' €500 (ħames mitt ewro).

Il-Qorti ordnatilha ukoll tħallas lil Johann Chetcuti, fi zmien xahar minn meta dik il-kawża għaddiet in gudikat, is-somma ta' €5,377.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellanti **Nicole Xuereb**, preżentat fir-reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar it-18 ta' Ottubru 2023, fejn talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata u dana billi;

- Tirriforma u timmodifika s-sentenza appellata tas-26 ta' Settembru tas-sena kurrenti mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura.
- Tilliberah mill-ewwel u tieni akkuża fl-intier tagħhom u billi tilqa' l-aggravji kif aktar il-fuq esposti u dan taħt dwak id-direttivi illi din il-Qorti jidhrilha xierqa u opportuni fiċ-ċirkostanzi.

Rat l-aggravji tal-appallanti Nicole Xuereb li huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti, u ċioe':

**L-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:**

1. Illi l-akkuzi kif dedotti huma nkwadrati sabiex il-waħda tinkwadra lill-oħra b'mod naturali għal liema raġuni kellu jiġi applikat il-prinċipju illi dik l-aktar gravi tinkorpora u tassorbi l-akkuzi l-oħra kollha.
2. Illi s-sentenza mogħtija fil-konfront tal-appellant hija waħda sproporzjonata u ma tirriflettix l-akkuzi kif dedotti kontra l-istess.

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali prezentata fir-registru ta din l-Onorabbli Qorti nhar l-4 ta' Dicembru, 2023.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellanti.

Rat l-atti kollha tal-każ.

Semgħet lill-partijiet jittrattaw il-kawża u dan fis-seduta tat-18 ta' Lulju 2024;

**Ikkunsidrat,**

Illi din il-kawża hija waħda sommarja u din il-Qorti kellha terġa tisma 'x-xhieda mill-ġdid peress li xhieda mogħtija quddiem l-Ewwel Qorti ma kienitx rekordjata jew traskritta. Illi l-ewwel Qorti għandha l-obbligu li tinserixxi l-atti kollha tal-proċess sabiex ikunu integri qabel ma l-istess inkartament jintbagħat quddiem din l-istess Qorti u dan sabiex din il-Qorti tkun f'posizzjoni li taghmel il-ġudizzju tagħha ta 'Qorti ta 'Appell u ċioe' li tirrevedi l-atti kompilati bil-għan li tara jekk l-ġudizzju mogħti mill-ewwel Qorti kienx wieħed *safe and satisfactory*.

Din il-Qorti tistħarreġ ix-xiehda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, l-irwol ta 'din il-Qorti jibqa 'dak ta 'reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta 'ritrattazzjoni, u ma terġax tisma 'l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew le teħodha l-Qorti tal-Maġistrati, li għandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali kollha u tasal għall-konklużjonijiet tagħha.[1]

Din il-Qorti, b'hekk tirrevedi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u safejn, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, setgħetx dik il-Qorti legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Biex tagħmel dan ix-xogħol ta 'reviżjoni din il-Qorti, tkun trid tifli l-provi u l-argumenti miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi.

In definittiva, kif intqal minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Vincent Callej**a deċiża nhar is-7 ta' Marzu 2002 din il-Qorti, bħala Qorti

[1] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta 'dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista 'tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża

ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ma terġax tagħmel ġudizzju ġdid fuq il-każ f'dak li għandu x'jaqsam mal-valutazzjoni u evalwazzjoni tal-fatti tal-każ, iżda tillimita biss ruħha biex tara jekk id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kienetx "*unsafe and unsatisfactory*" fuq il-bażi tar-riżultanzi li jkollha quddiemha dik il-Qorti. B'hekk din il-Qorti ma tistax tissostitwixxi d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm id-deċiżjoni ta' dik il-Qorti ma tkunx "*unsafe and unsatisfactory*". Jiġifieri jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legittimament u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom fuq il-bażi tal-provi u tal-argumenti legali li kellha quddiemha, allura din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdel il-konklużjonijiet ta' dik il-Qorti – anke jekk il-Qorti tal-Appell Kriminali setgħet kienet tasal għal konklużjoni differenti minn dik milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati.

Din il-Qorti, b'hekk tirrevedi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u safejn, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, setgħetx dik il-Qorti legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Biex tagħmel dan ix-xogħol ta' reviżjoni din il-Qorti, tkun trid tifli l-provi u l-argumenti miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi.[2] Issa din il-Qorti tistaqsi kif tista taghmel dan l-istess eżercizzju jekk ix-xhieda li ngħatat ma tinsabx fil-proċess. Una volta thalli x-xhieda jerġgħu jixhdu din il-Qorti ma tibqax Qorti ta' reviżjoni u dan ghaliex ma tkunx qed tiddeċiedi l-każ fuq ix-xhieda instemgħu quddiem l-Qorti iżda fuq xhieda u provi ġodda u għalhekk possibilment anke l-aggravji sollevati mill-appellanti fir-rikors tagħhom ma jibqgħux validi.

Illi fil-każ odjern peress li din il-Qorti kellha tisma xhieda mill-ġdid l-analiżi li ser tagħmel ma hux wieħed ta' reviżjoni u dan għaliex ma tistax tassikura li l-provi li

---

[2] Vide is-sentenzamoghtija minn din il-qorti diversament preseduta nhar il-30 ta 'Settembru, 2021 fl-ismijiet ilPulizija vs Justin Chetcuti

instemgħu minn din il-Qorti huma l-istess provi li semgħet l-ewwel Qorti u dan minħabba l-fatt li l-ewwel Qorti naqset li tirreġistra ix-xhieda li instemgħet minnha.

**Ikkunsidrat,**

Illi fl-ewwel aggravju vventilat minnha, l-appellanti tillanja testwalment:

> *"Illi l-akkużi kif dedotti huma nkwadrati sabiex-il waħda tinkwadra lil oħra b'mod naturali, għal liema raġuni kellu jiġi applikat il-prinċipju illi dik l-aktar gravi tinkorpora u tassorbi l-akkuzi l-oħra kollha."*

Illi huwa mgħallem illi "biex reat jista' jitqies li hu kompriz u involut f'ieħor, l-ingredjenti kollha ta' l-ewwel wiehed iridu jkun jinsabu fir-tieni wiehed. Illi kif tgħid il-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmelo Farrugia**[3] meta tikkwota l-awtur Francesco Antolisei[4] fir-rigward ta' dak li jsejjaħlu "*reato complesso in senso lato*", *ikun hemm din il-figura ta' reat* "*quando un reato, in tutte o in alcune delle ipotesi contemplate nella norma incriminatrice, contiene in se` necessariamente altro reato meno grave*".

Simili, għalkemm mhux identika, hija r-regola tal-common law Ingliża dwar il-verdetti alternattivi:

> "*At common law conviction of a lesser offence than that charged was permissible provided that the definition of the greater offence necessarily included the definition of the lesser offence, and that both offences were of the same degree, i.e. felony or misdemeanor*"[5]

Għalhekk, minħabba li l-appellanti kienet imħarrka bħala sid u/jew ufficjal u/jew manager u/jew direttur u/jew rapprezentat legali tas-soċjeta' Main Store Foods Limited (C93592), irid ikun eżaminat xi rwol kellha l-appellanti f'din is-soċjeta'.

---

[3] Qorti tal-Appell Inferjuri Il-Pulizija vs Carmelo Farrugia deċiż 11 ta' Frar 2002

[4] Antolisei, F., Manuale di Diritto Penale, Parte Generale Giuffre` (Milano), 1989, p. 469.

[5] Archbold: Criminal Pleading, Evidence and Practice (2001) Sweete & Maxwell (London), 2001, para. 4 – 453, p. 494.

F'dan il-każ, l-appellanti kienet direttriċi, azzjonista u rappresentanti legali u ġuridiku tas-soċjeta 'Main Store Foods Limited (C93592).

L-**artikolu 45 tal-Kapitolu 452** kif ukoll ir-regolament 22 tal-Avviż Legali 247 tas-sena 2003 kif emendat bl-Avviż Legali 427 tas-sena 2007 huma **ta 'natura kriminali** bħalma jirriżulta ċar mill-użu tal-kelma' ħati'.

**<u>Ikkunsidrat,</u>**

Illi quddiem l-Ewwel Qorti fis-seduta tas-6 ta' Ottubru 2023 xehed **Johan Chetcuti** fejn ippreżenta numru ta' dokumenti. Xehed ukoll **Nigel Xuereb** li preżenta ukoll faxxikoli ta' dokumenti u payslips. Xehed ukoll ukoll **Louis Buhagiar** li preżenta l-employment history tal-appellanta qua imputata.

Fl-10 ta 'April 2024 xehdet l-appellanta qua imputata **Nicole Xuereb**[6] fejn qalet illi Johan Chetcuti kien sellifha xi flus fl-ammont ta' tnax-il elf ewro (€12,000) minħabba sekwesteri li kellha. Tgħid ukoll illi hija bdiet tħallsu lura fix-xahar bic-cheques u li l-paga tiegħu kienet tagħtielu kollha u li kellha messaġġ fuq Whatsapp illi kien baqalu jieħu biss sittin ewro (€60) pero dan l-allegat messagg ma gie prezentat qatt. Mistoqsija jekk fadalx paga xi tħallas lill-Johan Chetcuti hija tirrispondi fin-negattiv. Tgħid li dan sar permezz ta' *cheques* filwaqt li l-ammont ta' sittin ewro (€60) tħallas kontanti. Mistoqsija jekk kellhiex diffikulta' tħallas tali paga minħabba l-pandemija tal-Covid-19, hija tirrispondi fin-negattiv.

Fl-10 ta' April 2024 xehdet **Dr Claudette Fenech**[7] ghan-nom tal-Malta Business Registry fejn ikkonfermat illi s-soċjetà Main Store Foods Limited (C93592) għandha diversi obbligazzjonijiet b'lura fuq id-dokumenti li suppost jidħlu kull sena. Qalet ukoll illi l-appellanta qua imputata Nicole Xuereb hija direttur, azzjonista u

---

[6] fol. 153
[7] fol. 159

rappreżentanti legali u ġuridiku tas-soċjeta 'Main Store Foods Limited (C93592). Iżżid illi Vivianne Sciberras hija ukoll azzjonista u segretarja tal-kumpanija.

Fl-10 ta' April 2024 xehed ukoll **Johan Chetcuti**[8] li qal illi bejn Jannar 2021 u Awwissu 2021 kien jaħdem mas-soċjetà Main Store Foods Limited (C93592) u li kien inkarigat mill-ġestjoni tad-deliveries u l-ordnijiet. Jikkonferma li huwa kien impjegat tal-appellanta qua imputata Nicole Xuereb li għaraf ukoll fl-awla. Jgħid li l-unika rapport li għamel fil-konfront tal-appellanta qua imputata sar meta ġie tterminat l-impjieg u dan minħabba li ma tħallasx tal-paga. Jgħid li sall-lum l-ammont dovut ta' €5,300 għadu ma tħallasx. Jgħid li l-appellanta qua imputata kien jikkomunika magħha tramite *Whatsapp* u kienet tgħidlu li għandha sekwestru u meta dan jitneħħa tħallsu. In kontro-eżami jgħid illi huwa kien laħaq ftehim illi jibda jitħallas meta jitneħħa s-sekwestru. Jgħid li meta dan tneħħa huwa irċieva xi ammonti pero jistqarr illi wara l-appellanta qua imputata waqfet tħallsu. Jgħid ukoll li dan ma kienx self. Jinnega li huwa bagħat messaġ lill-appellanta qua imputata fejn qal li kien jonqos biss pagament ta' sittin ewro mill-paga u li l-kumplament tal-ammont kien self. Jgħid li dan l-ammont pendenti huwa ħlas ta' paga u li din kienet tingħadda mill-appellanta qua imputata li kienet ukoll inkarigata mill-pagi.

Illi fi proceduri kriminali min jallega irid jipprova u f'dan il-kaz ghalhekk hija l-prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha u cioe li l-appellanti ma hallsitx lil Johann Chetcuti il-paga dovuta lilu mill-appellanti. Hija resqet li thallas lil dan Johan Chetcuti u fl-atti hemm esebit numru ta' chats li ghaddew bejn l-istess Johann Chetucti u l-appellanti a fol. 4 et seq. Minn ezami ta' l-istess jirrizulta li l-appellanti tirrikonoxxi li kellha taghti xi flejjes lill-appellant u titolbu zmien sabiex tonora l-obbligi taghha u tghid li kient ser tibda tghaddilu xi flejjez u li z-zmien kien vicin meta kienet ser tibda taghmel il-pagamenti taghha. Jghidilha fil-fatt f'messagg minnhom *"Nic imma jien ha nohodhom u li fadalli ax et jedju li alaqtu il-main storeu ma nixtiqx nitlifomu mandhiex hlifhom dawk il-flus jien naf kenn hdimd qal lijom please nic?'*

[8] fol. 161

Tghidlu li *'ghada l-istess ghada tistenna mill-Qorti'* (fol. 13). Fl-atti hemm ukoll breakdown tal-hlasijiet li kienu dovuti lil dan Johann Chetcuti. Dawn id-dokumenti qatt ma gew imcahda mill-appellanti. Gie esebit ukoll fl-atti statment of account mahrug mill-Minsteru fi hdan l-ufficcju tal-Prim Minstiru fejn jindika dak dovut mill-appellanti lil Johann Chetcuti.

Illi min naha taghha l-appellanti xehdet u stqarret li l-appellant kien sellifha xi flus ghaliex kellha flusha maqbudha bil-Mandati ta' Sekwesttri u li kienet halsitu lura permezz ta' cheques. Illi pero dawn ic-cheques jew photo imagees taghhom ma gew qatt prezentati fl-atti.

Illi ghalhekk din il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet tal-fatti dik esposta mill-prosekuzjoni tramite ix-xhud taghha Johann Fenech u din esposta mill-appellanti. Ili din il-Qorti pero thoss li x-xhieda moghtija minn Johann Feench ghandha hafna aktar mis-sewwa fid-dawl tal-messaggi li gew skambjati u li jinsabu fl-atti. Dwar dawn il-messaggi, l-appellanti ma tghid xejn fix-xhieda taghha tal-10 ta' April 2024 u lanqas taghmel referenza ghalihom biex tiggustifika dak li hemm miktub.

**<u>Ikkunsidrat,</u>**

Illi, fit-tieni aggravju vventilat minnha, l-appellant tressaq ilment marbut mal-piena erogata mill-Ewwel Qorti fejn ikkundannatha, għall-penali/multa ta' €500 (hames mitt ewro). Il-Qorti ordnatilha ukoll tħallas lil Johann Chetcuti, fi zmien xahar minn meta dik il-kawza għaddiet in gudikat, is-somma ta' €5,377). Tilmenta fit-tieni aggravju illi s-sentenza mogħtija fil-konfront tagħha hija waħda sproporzjonata.

Illi, anke fir-rigward ta' dan l-aggravju l-appellanta ma tressaq ebda argument validu imsejjes fuq il-liġi jew il-fatti tal-każ. Jibda' biex jingħad illi huwa dejjem fid-diskrezzjoni ta' min ikun imsejjaħ biex jiġġudika li jinfliġġi dik il-piena li fiċ-ċirkostanzi tkun l-aktar idoneja għal każ, u dan diment illi dik il-piena tkun waħda ikkontemplata fil-liġi. Ukoll l-appellanta ma tindika l-ebda mottiv li fuqha hija isejjes il-lanjanza tagħha fejn jidhirlha illi l-piena inflitta fuqha hija waħda sproprozjonata.

Illi ċertament ma hijiex fil-manzjoni tal-Qorti li tfittex u tara hi x'inhu dan il-mottiv li l-appellanta tonqos milli tindika.

Il-*forma mentis* tal-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali li l-Qorti tal-Appell ma tbiddilx il-piena imposta mill-Ewwel Qorti jekk ma jkunx hemm tibdil fic-cirkostanzi hija ukoll riflessa f'sentenzi oħra ta 'l-istess Qorti fosthom **Il-Pulizija vs. Massimiliano Maurizio**[9] , **Il-Pulizija vs. Jeremy James Farrugia**[10] u **Repubblika ta ' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina**[11] . Din il-ġurisprudenza ormai ben kristallizzata u aċċettata in linea ta 'prinċipju fil-ġurisprudenza tagħna, tgħallimna illi l-Onorabbli Qorti ta 'l-Appell għandha tbiddel u tvarja l-piena inflitta minn l-Ewwel Onorabbli Qorti, fil-każijiet fejn dik il-piena ma tkunx pjenament imsejsa fuq dispożizzjonijiet tal-liġi. Dan il-prinċipju kien ġie ukoll kristallizzat fis-sentenza fil-każ il**-Pulizija vs. Joseph Attard**[12] mogħtija mill-Onorabbli Qorti ta 'l-Appell Kriminali presjeduta mill-Imħallef Patrick Vella fis-26 ta 'Jannar 2001, fejn il-Qorti qalet li:

> "*Il-Qorti tal-Appell rarament tbiddel il-piena li tkun imponiet l-ewwel Qorti. Dan taghmlu biss meta jkun manifestament evidenti li dik il-Qorti tkun imponiet xi piena mhux kontemplata mill-ligi ghar-reat in ezami, jew tkun xi piena harxa wisq jew sproporzjonata ghal dak li jkun ghamel il-hati, jew tkun xi piena mhux fil-parametri tal-ligi.*"

Illi kif sostniet ukoll din il-Qorti fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta 'Malta vs Carmen Butler**[13] et deċiża nhar is-26 ta 'Frar 2009:

> *8. Fil-verita`, dawn il-principji huma rifless tal-principju l-iehor li meta jkun hemm sentenza li tigi appellata mill-hati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel qorti sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-ewwel qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u*

[9] Qorti ta 'l-Appell Kriminali (Inferjuri) preseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono fit-13 ta 'Novembru 2003
[10] Qorti ta 'l-Appell Kriminali, presjeduta mill- Imhallef Joseph Galea Debono fl-14 ta 'Ottubru 2003 (155/2003).
[11] Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) mogħtija fl-24 t'April 2003 (numru 10/1994).
[12] Qorti ta 'l-Appell Kriminali presjeduta mill-Imħallef Patrick Vella fis-26 ta 'Jannar 2001
[13] Qorti ta 'l-Appell Kriminali deċiża fis-26 ta 'Frar 2009

*anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta 'l-ewwel qorti) li kien jincidi b'mod partikolari fuq il- Page 11 of 12 piena. S'intendi, kif diga` nghad, "sentencing is an art rather than a science" u wiehed ma jistax jippretendi xi precizjoni matematika jew identita` perfetta fit-tqabbil tal- fatti ta 'kaz ma 'iehor jew tal-piena erogata f kaz ma 'dik erogata f kaz iehor.* Il-ġurisprudenza prevalenti f dan il-kuntest, tgħallem li meta Qorti tiġi biex terroga piena trid tieħu kont taċ-ċirkostanzi kollha li jsawru lkaż, ***jiġifieri dawk tal-vitmi, l-interessi tal-komunita kollha kemm hi, kif ukoll dawk tal-ħati.*** *F'dan is-sens, kemm ilġurisprudenza lokali kif ukoll dik Ingliża tistabbilixxi li fl- eżerċiżżju ta 'reviżjoni imħolli lilha, il-Qorti tal-Appell Kriminali trid tistħarreġ appell fuq il-piena inflitta kemm billi tqis iċ-ċirkostanzi kollha prevalenti li l-Qorti tal-Ewwel Istanza setgħet kienet f qagħda li tara, kif ukoll, skont kif imsemmi fis-sentenza Butler tqis anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta 'l-ewwel qorti.'*

Il-Qorti rat li l-piena inflitta taqa fil-parametri tal-liġi.

Għal din ir-raġuni din il-Qorti tiddikjara l-Ewwel Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjonijiet tagħha u għaldaqstant ma tħossx li għandha tiddisturba d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti.

**(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera**
**Imhallef**